MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 401/2007

**Simonds Farsons Cisk plc.**

**vs**

**Keke Company Limited, Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mis-socjeta rikorrenti nhar is-sebgha (7) ta' Dicembru 2007 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenuti jhallsuha s-somma t'elfejn mitejn u disghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (LM2,290.65) ekwivalenti ghal hamest elef tlett mija u hamsa u tletin euro u tmienja u sebghin euro centezmi (€5,335.78) jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti joġghobha tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta rikorrenti u dan a tenur ta' ftehim bejn il-kontendenti, is-socjeta ntimata

bhala debitur principali u l-intimati l-ohra bhala garanti solidali u dana kif kollu ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi minkejja l-intimati gew interpellati diversi drabi sabiex jaffettwaw il-hlas relattiv anke permezz t'Ittra Ufficcjali tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru 2006 pprezentata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma baqghu nadempjenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tas-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru 2006 pprezentata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali dekorribli mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li huma minn issa ngunti sabiex jidhru 'n subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti kif prezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 2008 fejn eccipew s-segwenti:-

1. Illi s-socjeta Keke Company Limited qed tammmetti t-talbiet kif postulati.

2. Illi l-eccipjenti Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici stante li huma qatt ma xtraw xejn minghand l-istess socjeta attrici kif ser jirrizulta waqt il-gbir tax-xhieda.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-konfront taz-zewg konvenuti Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti l-gudizzju mhux integru stante li n-nisa taghhom ossia zwieghom ma gewx inkluzi fil-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-*credit agreement* esebit mis-socjeta rikorrenti pprezentat fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008 immarkat bħala Dok. 'Z' minn fejn jirrizulta li l-konvenuti dahlu garanti ghas-socjeta intimata.

Rat iz-zewg affidavits ipprezentati mill-konvenuti nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta’ Gunju 2008 (fol. 22 et seq) fejn Claudine Chetcuti mart Jeffrey kif ukoll Janice Chetcuti mart Glenn Chetcuti jghidu li matul iz-zwieg taghhom huma qatt ma iffirmaw xi skrittura privata fejn dahlu garanti ghas-soceta intimata Keke Company Limited u fil-fatt ighidu li lanqas biss kienu jafu li zwieghom iffirmaw l-ftehim esebit fejn dahlu garanti ghas-socjeta intimata.

Ikkunsidrat:-

Illi bhala fatti *ut sic,* dawn ma jidhrux li huma kontestati. Jirrizulta mill-atti li skond il-*credit agreement* esebit fl-atti a fol. 15 et seq, l-konvenuti Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti, kienu dahlu garanti *‘n solidum* mas-socjeta Keke Company Limited versu s-socjeta attrici u dan fis-sitta w ghoxrin (26) t’April 2005. Illi s-socjeta konvenuta ammettiet it-talba attrici, filwaqt li l-konvenuti stqarrew li huma m’ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta attrici ‘l ghaliex huma qatt ma xtraw xejn minghandha. In oltre eccepew li l-gudizzju mhux integru ghaliex n-nisa ossia zwieghom ma gewx inkluzi fil-kawza.

Illi dwar <u>l-ewwel eccezzjoni</u> tal-konvenuti Glenn u Jeffrey Chetcuti u cioe li huma m’ghandhom l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici, l-Qorti tghamel referenza ghal-*credit agreement* fejn huma dahla bhala garanti solidali tas-socjeta konvenuta Keke Company Limited u a bazi ta’ dan il-ftehim, giet krejata elazzjoni bejn il-partijiet w ghalhekk zgur li tezisti relazzjoni guridika bejniethom.

Illi <u>t-tieni eccezzjoni</u> tal-konvenuti kienet fis-sens li l-gudizzju mhux integru ‘l ghaliex zwieg l-konvenuti ma gewx imharrka. Il-Qorti rat illi kienu l-istess konvenuti li ghazlu li l-konvenuti ma jdahlux lil zwieghom bhala garanti tad-dejn li kellha is-socjeta Keke Company Limited w ghalhekk il-presenza taghhom fil-kawza mhiex rikjesta *sine qua non*.

Id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma relevant ghal kaz ta’ llum huma l-artikolu 1322(2) u 3(h), 1324, u 1326(1) u (2) tal-Kodici Civili.

**1322 (2)** Il-jedd li jitwettqu l-atti t'amministrazjoni straordinarja u l-jedd

**(3)** Dawn li gejjin huma l-atti ta amministrazzjoni straordinarja:-

**(h)** il-kuntratt ghal xi garanzija.

**1324** Atti normali ta' gestjoni ta' kummerc negozju jew professjoni li jkunu qed jigu esercitati minn parti wahda biss mill-mizzewgin ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed tezercita dak il-kummerc, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kienux maghmula 'n relazzjoni ma dik is-setgha negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

**1326 (1)** Atti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg partijiet mizzewga izda li jitwettqu minn parti wahda minghajr il-kunsens tal-parti l-ohra, jistghu jkunu annullati fuq it-talba tal-parti l-ahhar imsemmija meta dawk l-atti jkunu dwar it-trasferiment jew il-holqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta immobbli u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjeta mobbli dawn jistghu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu nghataw b'titolu gratuwitu.

**(2)** kull azzjoni ghal annulament tista tittiehed biss mill-parti li kien mehtieg il-kunsens taghha....

Jirrizulta ghalhekk li l-interess huwa l-kejl tad-dritt ta' l-azzjoni, u l-interess ta' zwieg il-konvenuti li mhumiex parti minn din il-kawza li jipprotegu kemm il-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll il-proprjeta parafernali taghhom talvolta ghandhom. Illi ghalhekk appena jigi dikjarat li dawk il-beni ma jintlaqtux bil-garanzija, stante li zwieg il-konvenuti mhumiex parti minn dik il-garanzija, l-interessi taghhom jigu mharsa, pero ma hux mehtieg illi l-att jithassar *in toto* jew addirittura kif eccepew l-konvenuti, li l-gudizzju ma jkunx integru. Il-konvenuti setghu talbu il-kjamat in kawza ta' zwieghom kieku riedu, pero evidentement dan m'ghamluhx, ghaliex kellhom interess li zwieghom jithallew barra sabiex b'hekk f'eventwali kundanna fil-konfront taghhom, is-sentenza ma tkunx tista tigi esegwita

fil-konfront taghhom u dan ghaliex l-komunjoni tal-akkwisti ma ghandhiex titqies li hija marbuta b'din l-obbligazzjoni.
Illi dwar it-tifsira ta' garanzia in solidum il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fid-dsatax (19) ta' Mejju 1995 fl-ismijiet **avukat Dottor Henri sive Eric Mamo noe vs Charles Psaila et** fejn inghad:-

"*Garanti 'n solidum fit-termini tal-artikolu 1935(b) tal-Kodici CIvili huwa fl-istess posizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eccezzjoni tal-eskuzzjoni jew il-beneficcju tad-divizjoni."*

Illi dwar l-ammont mitlub *qua quantum* mis-socjeta attrici, l-konvenuti Glenn u Jeffrey Chetcuti ma resasqu l-ebda eccezzjoni w ghalhekk, fid-dawl tal-provi mressqa mill-istess socjeta attrici, l-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

**Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici ghandha tigi milqugha, stante li tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjon taghha u tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lis-socjeta attrici dik is-somma msemmija fl-avviz u cioe s-somma t'elfejn mitejn u disghin lira maltija u hamsa u sittin centezmu (LM2,290.65) ekwivalenti ghal hamest elef tlett mija u hamsa u tletin euro u tmienja u sebghin euro centezmi (€5,335.78).**

**L-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithalsu mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------